**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 307/2022 GM**

**Indre Miliauskaite (detentriċi tal-Passaport Litwan bin-numru 23624739) bħala mandatarja speċjali tal-assenti Tomas Mikalauskas (detentur tal-karta tal-identita' Maltija nru. 67496A)**

**vs**

**Rytis Rutkauskas (detentur tal-karta tal-identita' Lituana nru. 13902038)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Indre Miliauskaite bħala mandatarja speċjali tal-assenti Tomas Mikalauskas imressaq bil-proċedura sommarja speċjali li permezz tieghu wara li ppremettiet illi :

1. Il-partijiet huma azzjonisti fis-soċjeta' Toryma Holdings Limited (C-92479) flimkien ma' Mantvydas Nnarusevicius;

2. Permezz ta' ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu datat ħamsa (5) ta' Ottubru tal-elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-intimat ikkostitwixxa ruħu bħala debitur tal-attur fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u erbatax-il ewro (€34,714), liema somma kellha titħallas b'rati mensili ta' elf ewro (€1,000) sakemm l-ammont sħiħ jiġi saldat (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim');

3. Dan l-ammont ġie misluf lill-intimat mill-attur sabiex l-intimat ikun jista' jkopri ċerti spejjeż relatati mal-operat tal-istabbiliment li kienet topera s-soċjeta' Toryma Holdings Limited, u dan fid-dawl tal-fatt li s-Sur Rutkauskas ma setax jikkontribwixxi sehemu fil-kumpannija;

4. Ai termini tal-Klawsola numru tlieta (3) tal-Ftehim:

   *"The Parties agree and recognise that in the event of non-payment of any one instalment, whether in whole or in part, the Parties agree that in the event that the Debtor is in arrears of the payment of the monthly instalments mentioned hereinabove in an amount equivalent to or exceeding the value of three (3) such instalments, the said Debtor shall forfeit the benefit of term conceded in this deed and the entire balance of the due debt payable by him in terms of this deed shall become imemdiately due and exigible by the Creditor."*

5. L-intimat ma vversa ebda pagament lill-attur mid-data tal-Ftehim sal-lum il-ġurnata, minkejja diversi interpellazzjonijiet għal-ħlas;

6. L-intimat hu għalhekk debitur fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u erbatax-il ewro (€34,714) rappreżentanti s-somma msellfa lill-intimat mill-attur għall-iskop imsemmi fil-premessa numru tlieta (3);

7. Dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut kif dikjarat fl-istess Ftehim u fir-rigward ta' liem, sa fejn jaf l-attur, l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet validi fil-liġi xi jressaq;

8. Minkejja diversi interpellazzjonijiet fejn l-attur issolleċita lill-intimat għall-ħlas, l-istess intimat naqas milli jħallas il-pagamenti skont il-ftehim imsemmi u għadu inadempjenti sal-lum il-ġurnata;

9. Dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u għalhekk jeżistu l-elementi kollha preskritti mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-

Kapitolu 12 sabiex it-talbiet tal-attur jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża billi sa fejn jaf l-attur, l-intimat ma għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq;

Talbet lil din il-Qorti sabiex tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; tiddikjara lill-konvenut debitur tagħha fis-somma ta' €34,714 għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, u tikkundannah għall-ħlas tiegħu.

Rat li l-konvenut debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx waqt l-udjenza tal-lum.

Ikkunsidrat li t-talbiet attriċi huma ġustifikati skont il-liġi.

***Decide:***

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' t-talba tal-attriċi u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tal-attriċi fis-somma ta' €34,714 rappreżentanti flejjes mislufin lilu mill-attriċi skont il-*Loan Agreement* datat wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019).

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwida u dovuta ta’ €34,714.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA